MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 356/2005

**John Abela Limited (C-18181)**

**vs**

**L-Avukat Dottor Leslie Cuschieri LL.D. nominat b'digriet tat-22 ta' Lulju, 2005 bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-eredi mhux maghrufa tal-mejtin Maria Anna Brincau u Edward Galea u b'digriet tal-11 ta' Novembru, 2005 filwaqt li gie revokat l-inkarigu ta' l-istess Avukat Dottor Leslie Cuschieri, s-socjeta GasanMamo Insurance Limited giet nominata bhala kuratrici ta' l-eredi mhux maghrufa ta' Maria Anna Brincau u Edward Galea u l-istess GasanMamo Insurance Limited**

## L-Avviz

1. Is-socjeta attrici resqet dan l-avviz nhar l-ghaxra (10) ta' Gunju, 2005 u permezz tieghu talbet illi l-konvenuti jew minn minnhom, ihallsuha s-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) jew somma ohra li tistabilixxi din il-Qorti,

rapprezentanti danni sofferti fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HHQ-031 b'rizultat ta' incident awtomobilistiku li sehh fi Triq Hal-Far, Birzebbuga nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta' Marzu, 2004, liema incident sehh tort tal-intimati jew minn minnhom.

2. Rat ir-rikors tas-socjeta GasanMamo Insurance Limited datat hdax (11) t'Awwissu 2005 fejn talbet lil din il-Qorti diversament preseduta sabiex tinnomina lilha bhala kuratrici sabiex tirrapprezenta l-interessi tal-mejtin Edward Galea u Maria Anna Brincau, sabiex b'hekk in segwitu tipprezenta nota t'eccezzjonijiet ghan-nom taghhom u sabiex tirrevoka d-digriet taghha fejn kienet innominat lil Dr. Leslie Cuschieri bhal kuratur.

3. Rat id-digriet taghha tas-sitta (6) ta' Settembru 2005 fejn ordnat li dan l-istess rikors jigi notifikat lil Dr. Leslie Cuschieri.

4. Rat id-digriet taghha tal-hdax (11) ta' Novembru 2005 fejn "*billi Dr. Leslie Cuschieri ma irrispondix ghat-talba tas-socjeta konvenuta GasanMamo Insurance Limited u fin-nuqqas ta opposizjoni u billi l-kuratur ma kienx ghadu kkontesta t-talba, il-Qorti laqghet it-talba tirrevoka l-hatra tieghu u tilqa it-talbiet tar-rikorrenti kif formulati fir-rikors tal-11 ta' Awwissu, 2005*" u iddifferiet il-kawza ghal prezentata tal-eccezzjonijiet.

**L-Eccezzjonijiet**

5. Rat in-nota t'eccezzjonijiet tas-socjeta GasanMamo Insurance Limited imressqa fil-hdax (11) t'Awwissu, 2005 fejn eccepiet is-segwenti:

a. Illi preliminarjament is-socjeta eccipjenti m'ghandha l-ebda locus standi fil-kawza odjerna stante illi **(i)** si tratta ta kawza 'ex delictu' u **(ii)** inoltre, u ai termini ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, notifika b'ittra ufficjali kienet tkun sufficjenti ghal finijiet ta'

ezekuzzjoni diretta w ghalhekk is-socjeta eccipjenti m'ghandhiex tbati spejjez.

b. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici, stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tas-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAU 624, il-mejjet Edward Galea, izda sehh minhabba "casus" wara li l-imsemmi Edward Galea kkollassa kagun ta' *thrombus* li giet iffurmata f'wahda mill-koronarji.

c. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.

6. Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta GasanMamo Insurance Limited bhala kuratrici tal-mejjet Edward Galea ipprezentata fit-30 ta' Novembru, 2005 fejn ecceppiet is-segwenti:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt w ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort ta' Edward Galea, izda sehh minhabba "casus" u cioe il-fatt illi qabel il-mument tal-habta, l-imsemmi Edward Galea ikkollassa fizikament minhabba *thrombus* illi giet iffurmata f'wahda koronarji tieghu, hekk kif jirrizulta mill-Inkjesta Magisterjali illi giet konkluza fl-erbgha (4) t'Ottubru 2004 (annessa u mmarkata bhala dok EG1).

2. Illi 'n oltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta attrici ghandha ggib il-prova tad-danni kollha allegatament sofferti minnha fl-incident in dezamina.

3. Salv eccezzjonijiet ohra skond il-kaz.

7. Rat illi minkejja li s-socjeta GasanMamo Insurance Limited giet nominata, bid-digriet tal-hdax (11) ta' Novembru 2005, bhala kuratrici sabiex tirraprezenta l-interessi tal-mejtin Maria Anna Brincau u Edward Galea, hija baqghet ma ipprezentatx nota t'eccezzjonijiet ghall-imsemmija Maria Anna Brincau izda illimitat in-nota t'eccezzjonijiet taghha ghal Edward Galea biss.

## <u>Il-Provi</u>

8. Illi fis-seduta tas-sittax (16) ta' Frar, 2006 xehed **Charles Abela** u spjega illi fit-tnejn w ghoxrin (22) ta' Marzu 2004, *truck* tas-socjeta attrici bin-numru ta' registrazzjoni HHQ 031 u li kien misjuq minn Anthony Abela, kien involut f'kollizzjoni ma vettura tat-tip Skoda bin-numru ta' registrazzjoni IAU 624, misjuqa minn Edward Galea. Dan l-incident sehh fi Triq Hal-Far, limiti ta' Birzebbuga. F'dan l-incident miet is-sewwieq tal-vettura Edward Galea u l-passiggiera li kienet mieghu, Maria Anna Brincau. Din ta' l-ahhar kienet il-proprjetarja tal-vettura tal-ghamla Skoda. Saret Inkjesta Magisterjali fejn gew mahtura l-esperti u sar l-access relattiv. Ix-xhud esebixxa bhala d-Dok. CA 1 li hija kopja legali tar-rizultanzi ta' din l-istess inkjesta. Ikkonferma li l-assikuraturi tal-vettura tal-ghamla Skoda, kienet is-socjeta konvenuta u kienet baghtet is-*surveyors* taghha sabiex tezamina il-hsara li kien hemm fit-*truck* u fit-*trailer*. Ix-xhud zied ighid li wara li dan is-*surveyor* ezamina l-hsarat huwa kien wasal fi ftehim maghhom li l-hsarat li garrab dan it-*trailer* kienu jammontaw ghas-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) liema ammont l-istess socjeta attrici accettat. Ix-xhud imbaghad ghadda biex jghid li lil Edward Galea, is-sewwieq ta' vettura tal-ghamla Skoda involuta fl-incident, huwa kien jafu personalment "*u naf li dan kellu storja ta' mard tal-qalb. Nafu mhux biss ghax kellu hanut il-Gwardamangia, imma ghax kien gieli residenti vicin ta' fejn kont nirrisjedi personalment jiena*". Finalment huwa qal illi "*it-trakk u t-trailer sa llum ghadna ma sewwejniehomx ghaliex kif kien qabel maghna s-surveyor tal-kumpanija konvenuta, dan beyond economical repair, ahna pero konna lesti li naccettaw somma ta' tlett elef lira (Lm3,000) in kumpens tal-hsarat u nzommu t-trakk danneggjat*".

9. Illi fis-seduta tat-tmintax (18) t'Ottubru, 2006 xehed **Philip Zammit** fejn stqarr li kien gie nkarigat minn GasanMamo Insurance sabiex jaghmel *survey* fuq *horse*

*truck* bin-numru ta' registrazzjoni HHQ 031. Huwa ikkonstata illi "*dan il-horse truck kellu spejjez ta' madwar tlett elef lira, minghajr ma' wiehed jikkonsidra l-VAT u spejjez ohra ancillari, jiena kont tajt parir lill-assikuraturi ta' dan il-horse truck sabiex joffru tlett elef lira (Lm3,000) cash settlement u l-assikurat jew id-danneggjat izomm il-horse truck*". Zied jghid illi "*jiena wkoll ikkunsidrajt illi oltre l-VAT u l-ispejjez ancillari kien hemm ukoll kif stajt nikkonstata bejn hmistax u sbatax-il gurnata loss of use ghal riparazzjonijiet u dawn jiswew il-flus ghaliex nikkalkula li horse truck jiswa mal-hamsin lira (Lm50) kuljum biex tikrieh*". Finalment jghid illi dan it-*truck* ma kienx *beyond economical repair*, izda huwa issuggerixxa lil-assikuraturi tal-vettura tal-ghamla Skoda u cioe lis-socjeta konvenuta, lli huma jhallsu s-somma ta' tlett elef lira maltin (LM3,000) *cash settlement* u li r-riparazzjonijiet kellha tiehu hsiebhom is-socjeta attrici.

10. Fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Lulju, 2007 xehedu bil-lingwa Ingliza, u dan wara li gew hekk awtorizzati b'digriet ta' l-erbgha (4) ta' Lulju, 2007, il-Professur tal-Medicina Dottoressa **Maria Theresa Camilleri** u t-Tabib **Sarfraz Ali**. Huma stqarrew illi "*Edward Galea who died on the 22nd of March 2004, died as a result of multiple injuries as a result of the motor vehicle accident. He had also coronary trombosis who could have contributed to the cause of death*". Huma imbaghad ghaddew biex spjegat illi "*coronary trombosis is a heart attack*" Mistoqsija jekk dan l-attakk tal-qalb sehhx qabel jew waqt l-impatt, huma qalu li ma setghux jaslu ghal konkluzzjoni meta dan l-attakk tal-qalb sehh. Di fatti qalu illi "*the heart attack took place on the day in question. Whether it was the cause of the accident or not we cannot confirm*". Dawn ix-xhieda, li kienu l-esperti nominati mill-Qorti bhala esperti fl-Inkjesta Magisterjali li infethet dwar l-incident de quo, stqarrew illi Edward Galea diga kellhu operazzjoni tal-*bypass* u li huwa "*must have had heart attacks prior to this incident too*". Dan kollu juri li qalb Edward Galea ma tantx kienet b'sahhitha. Huma qalu illi "*he had enough injuries which could have caused his death however apart from these injuries he had this heart problem*". Finalment qalu illi "*it is possible that Edward Galea swirved to the opposite side*

*of the road due to the heart attack he could have sustained. The trombosis was something ... but obviously he had previous indications of heart problems. Having a by pass means that he has very serious heart problems*". Huma esebew ukoll kopja tar-rapport taghhom dwar l-awtopsja li gie immarkat bhala Dok. MTCP.

11. Fis-seduta mizmuma fil-hamsa w ghoxrin (25) ta' Settembru, 2007 xehed **Anthony Abela**. Huwa ikkonferma li fit-tnejn w ghoxrin (22) ta' Marzu 2004 ghal habta ta' nofsinhar neqsin kwart huwa kien qieghed isuq it-*truck* bin-numru ta' registrazzjoni HHQ-031 fid-direzzjoni ta' Hal-Far. Jghid illi quddiemu kien hemm triq vojta filwaqt li mid-direzzjoni opposta kienet gejja karozza. Dwar l-incident de quo, dan ix-xhud jghid illi "*f'daqqa wahda din il-karozza tilfet il-kontroll u baqghet diehla ghal fuq il-karreggjata tieghi*". B'rizultat ta' dan l-incident, kemm ix-xufier ta' din il-vettura, kif ukoll il-passiggier li kien hemm mieghu tilfu hajjithom. Fis-seduta tat-tnejn w ghoxrin (22) ta' Mejju, 2008 sar il-kontro-ezami ta' dan ix-xhud. Huwa qal li l-*ispot of impact* saret fuq in-naha tal-karreggjata tieghu u li l-habta sehhet ezatt fejn beda l-*break.* Zied jghid li t-triq fejn sehh l-incident hija wahda "*lixxa xemgha*" u li ra lil l-iSkoda gejja fuqu meta din kienet tul ta' xi zewg karozzi l-boghod. Huwa stqarr ukoll illi ma jistax jghid kif kien is-sewqan tal-persuna li dahlet fih, izda qal illi dan kien gej ghad-dritt u fid-daqqa u l-hin huwa baqa diehel fuqu. Dwar il-velocita ta' l-iSkoda, huwa jghid li ma jafx bil-kemm kienet ghaddejja u dwar il-velocita li kien qieghed isuq hu jghid li huwa kien ghaddej "*forty five fifty kilometres*".

12. Fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Dicembru 2008 xehed **Mario Buttigieg** u esebixxa d-dokument immarkat bhala MB. Huwa qal illi kien gie inkarigat mis-socjeta konvenuta sabiex jaghmel rapport dwar l-incident de quo. Meta huwa mar fuq il-post huwa kien diga sab l-iSkoda fuq il-*low loader*, izda t-*trailer* kien ghadu fuq il-post ta' l-incident. Isostni ukoll illi *break marks* jew *skid marks* ma kienx hemm qabel l-incident. L-i*spot of impact* kien jidher li kien fit-triq u d-*driver* tat-*trailer* kien applika l-*breaks* immedjatament wara li sehh l-incident. In kontro-ezami,

dan ix-xhud jghid illi l-i*spot of impact* sehh fuq in-naha tat-triq tat-*trailer* u li l-vittmi marru *wrong side*.

**Id-Dokumenti Esebiti**

13. Rat il-*proces verbal* redatt mill-Magistrat li mexxa l-Inkjesta dwar dan il-kaz, liema *proces verbal* gie esebit fl-atti ta' din il-kawza u immarkat bhala Dok. CA 1. Il-Magistrat li irrediga dan il-*proces verbal* stqarr illi "*maghmula dawn il-konstatazzjonijiet il-Magistrat Inkwirenti, filwaqt li jibbaza ruhu fuq il-konkluzzjonijiet tal-esperti minnu nominati jiddikjara li l-incident de quo kien unikament ikkagunat peress li s-sewwieq ta' l-Iskoda fuq indikata '..kkollassa kagun ta' thrombus li giet iffurmata f'wahda mill-koronarji', ghalhekk a bazi ta' din l-evidenza, is-sewwieq taz-ziemel jew 'trailer' involut hu ghal kollox skagonat minn kwalunkwe responsabbilita ghall-akkadut u konsegwentement ghalaq din l-inkjesta*" (ara fol. 34).

14. Rat ir-rapport tas-*surveyor* Philip Zammit li gie immarkat bhala dokument PZ u li minnu jirrizulta s-segwenti "*Advice cash settlement of Lm3,000 as full and final settlement*".

15. Rat ir-rapport ta' l-awtopsja maghmul mill-Professoressa tal-Medicina Dottoressa Maria Theresa Camilleri u t-Tabib Sarfraz Ali li gie immarkat bhala Dok. MTCP. Minn qari ta' dan ir-rapport jirrizulta li Edward Galea kien ghamel l-operazzjoni tal-*bypass* madwar tnax (12) il-sena ilu u li pero kien jidher tajjeb. Huwa kien qieghed taht xi medikazzjoni u li ghalkemm huwa kien qata t-tipjip, reggha beda dan l-ahhar. Edward Galea kellu tmienja u hamsin (58) sena meta miet. Il-konkluzzjoni ta' dan ir-rapport taqra testwalment hekk "*the death of this middleaged male is due to multiple injuries resulting from a motor vehicle accident. Coronary thrombosis is also present*" (fol. 71).

16. Il-Perit Richard Aquilina esebixxa kopja tar-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala dokument RA.

Min ezami ta’ din ir-relazzjoni u l-iskizz esebit irrizulta li t-*truck* u z-ziemel spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq gol-*crash barrier*. Jirrizultaw ukoll diversi tifrik u bicciet mill-Iskoda fuq in-naha ta’ fejn kien qieghed jinstaq it-*truck.*

17. Rat ir-rapport imhejji minn Mario Buttigieg, nominat mis-socjeta konvenuta appozitament sabiex jinvestiga dan il-kaz, liema rapport gie immarkat bhala dokument MB. Skond ma jirrizulta minn dan ir-rapport, il-*licensee* ta’ l-iSkoda kienet Maria Anna Brincau filwaqt li l-*licensee* tat-*truck* u *trailer* kien Carmel Abela ta’ John Abela Limited.

Ikkunsidrat:-

18. Permezz ta’ din il-kawza, s-socjeta attrici qeghda titlob sabiex il-konvenuti jhallsuha d-danni minnha sofferti meta l-vettura (*truck* u *trailer*) taghha kienet involuta f’incident awtomobilistiku nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta’ Marzu 2004 gewwa Triq Hal-Far, Birzebbuga. Is-socjeta attrici ssostni li dan l-incident sehh tort tal-konvenuti jew minn minnhom, filwaqt li l-konvenuti (salv ghal kuraturi ta’ Maria Anna Brincau li baqghu ma ipprezentawx eccezzjonijiet) qed isostnu li s-socjeta konvenuta GasanMamo Insurance Limited ma ghandhiex *locus standi* f’din il-kawza u fi kwalunkwe kaz, l-incident ma sehhx tort tas-sewwieq Edward Galea, izda dan l-incident sehh minhabba “casus” wara li l-imsemmi Edward Galea kkollassa kagun ta’ trombosi li giet iffurmata f’wahda mill-koronarji. Inoltre, il-konvenuti talbu l-prova tad-danni.

19. Nibdew bl-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u cioe li hija “*m’ghandha l-ebda locus standi fil-kawza odjerna stante illi (i) si tratta ta kawza ‘ex delictu’ u (ii) inoltre, u ai termini ta’ l-Artikolu 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, notifika b’ittra ufficjali kienet tkun sufficjenti ghal finijiet ta’ ezekuzzjoni diretta u ghalhekk is-socjeta eccipjenti m’ghandhiex tbati spejjez*”.

20. Jibda biex jinghad dwar din l-ewwel eccezzjoni illi s-socjeta konvenuta ghandha ragun dwar din l-ewwel

eccezzjoni taghha. Jirrizulta abbundantament illi s-socjeta konvenuta ma kellha x'taqsam xejn ma dan l-incident awtomobilistiku w allura l-Qorti ma tistax tifhem kif is-socjeta attrici stqarret fl-avviz taghha illi l-incident de quo "*sehh tort ta' l-intimati jew minn minnhom*". Is-socjeta konvenuta jekk xejn tkun responsabbli ghal hlas ta' danni f'kaz li l-konvenuti l-ohra jinstabu hatja ta' dan l-incident. Ghal dan il-ghan u skond ma jiddisponi l-artikolu 10 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta l-assikuratur tal-vettura, bhal ma hi s-socjeta konvenuta f'dan il-kaz, tista tigi notifikata b'att gudizzjajru is-sentenza moghtija mill-Qorti u din is-sentenza, fil-konfront ta' l-assikuratur, ghandha tikkostitwixxi titolu esekuttiv. Ghalhekk ma kienx hemm il-htiega tal-presenza tas-socjeta konvenuta f'dan il-kaz u konsegwentement il-Qorti qeghda tichad it-talbiet ta' l-istess socjeta attrici inkwantu dawn huma diretti kontra s-socjeta konvenuta. Is-socjeta attrici, kif diga inghad, u a tenur ta' l-artikolu 10 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta tista tinnotifika b'att gudizzjarju s-sentenza ta' din il-Qorti lis-socjeta konvenuta u l-istess socjeta attrici jkollha titolu esekuttiv kontra l-istess socjeta assikuratrici.

21. Imiss issa li tigi ezaminata l-eccezzjoni fil-mertu tal-konvenuti. Jibda biex jinghad li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet nominata bhala kuratrici sabiex tirraprezenta l-interessi tal-mejtin Maria Anna Brincau u Edward Galea, l-istess socjeta konvenuta ipprezentat biss l-eccezzjonijiet fl-interessi ta' Edward Galea. Minkejja dan, din il-Qorti xorta ghandha tikkunsidra dan in-nuqqas bhala kontestazzjoni anke da parti ta' l-interessi tad-defunta Maria Anna Brincau. Issa fl-eccezzjonijiet fuq il-mertu, is-socjeta konvenuta nomine tistqarr illi hija ma ghandhiex twiegeb ghad-danni u dan minhabba l-fatt li dan l-incident sehh minhabba "casus" wara li l-imsemmi Edward Galea kkollassa kagun ta' *thrombus* li giet iffurmata f'wahda mill-koronarji.

22. Jibda biex jinghad illi din l-eccezzjoni tirnexxi biss meta jkun il-*casus* wahdu li ghamel il-hsara, u ma tistax tirnexxi meta jkun fatt tal-konvenut li holoq ic-cirkostanzi li minhabba fihom issehh il-hsara. Di piu, l-prova ta' dan kollu u cioe li l-persuna mixlija bl-akkadut tghid li hija ma

ghandhiex tahti ghal dan l-akkadut minhabba xi accident jew forza magguri hija mixhuta fuqha. Inghad ukoll illi l-ligi tehles mir-responsabbilita ta' xi ghemil li jgib il-hsara kollu li jsehh minhabba accident jew minhabba forza magguri (art. 1029 tal-Kap. 16). Madanakollu, ma jitqiesx li jkun sehh b'accident dak li jigri mill-fatt pozittiv jew negattiv tal-bniedem u li, fuq kollox, ikun imbassar minn qabel minn persuna ta' dehen ordinarju jew, ghall-anqas, jista jigi evitat. Minn naha l-ohra, il-fatt li jitnissel minn forza magguri huwa dak li l-grajja tieghu ma jista jiqfilha hadd (ara **Costantino Fenech noe vs Camillo Gatt noe et** deciza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sbatax (17) ta' Mejju 1902 [Vol. XVIII.ii.64]; **Kurunell Hugh Philip Raymond noe vs Negte Manwel Busuttil pro et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Sede Kummerc fis-sittax (16) ta' Novembru 1942; **Publio Azzopardi vs Antonio Arcicovich et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-erbatax (14) ta' Novembru 1919 [Vol. XXIV.i.172] u **Albert Borg Falzon pro et noe vs Charles Darmanin pro et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sebgha (7) ta' Gunju, 1940 fost diversi decizjoni ohra u li lkoll gew citati b'approvazzjoni f'sentenzi moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell recensjorment).

23. Issa f'dan il-kaz, minkejja li tressqu diversi xhieda li hadu sehem fl-Inkjesta Magisterjali, ma tressaqx l-espert li kien addett mill-aspett tekniku u cioe Joseph Zammit. Kienu jkunu ta' konfort il-taghhom, konkluzzjonijiet tieghu dwar jekk il-vettura de quo kienitx wahda tajba jew le biex tinsaq fit-triq jew inkella jekk din graliex xi hsara waqt li kienet qeghda tinstaq. Din il-prova ma ingabietx. Ingiebet biss il-prova medika u dan permezz tax-xhieda tal-Professoressa Marie therese Camilleri u Dr. Sarfraz Ali. Huma jghidu li s-sewwieq Edward Galea sofra attakk tal-qalb fil-gurnata li fiha sehh l-incident, pero jghidu illi "*whether it was the cause of the accident or not we cannot confirm*". Huma jzidu jghidu wkoll illi dan Edward Galea kien ghamel operazzjoni tal-*bypass* u li huwa kellu attakki tal-qalb precedentement ghal dan l-incident. Skond l-imsemmija esperti dan jindika li "*he had previous heart attacks and this all shows that Edward Galea did not have a healthy heart*". Jghid li huwa possibbli li Edward Galea

"*swirved to the opposite of the road due to the heart attack he could have sustained. The trombosis was something ... but obviously he had previous indications of heart problems. Having a by pass means that he has very serious heart problems*". Mir-rapport taghhom esebit a fol. 69 et seq. jirrizulta wkoll illi Edward Galea "*was on some medication*". Dan kollu juri li Edward Galea minkejja dawn il-fatti kollha ma hax il-prekawzzjonijiet necessarji sabiex dan l-incident jigi evitat. Hija l-fehma tal-Qorti li l-imsemmi Edward Galea qatt ma messu saq il-karozza u din il-fehma hija aktar imsahha minn dak li jghidu l-esperti medici hawn imsemmija. Huwa minnu li l-espert mediku l-iehor nominat fl-inkjesta Magisterjali Dr. Mario Scerri jghid illi "*mill-evidenza li harget mill-awtopsja jidher li dan kellu trombos ... f'wiehed mill-koronarji. Nghid li t-trombos jigi qabel l-incident. Fi kliem semplici dan kellu attakk tal-qalb, storda, tilef il-kontroll u habat bil-konsegwenza li l-passiggiera li kellu mietet ukoll. Niftakar li kien hemm a fresh trombos. Issa jekk kinitx ezistenti qabel jew le ma nistax nghid. Jekk kellhux pre-disposing ... qabel nghid li probabilment kellu <u>pero l-kundizzjoni medika tieghu anticedenti ta' dan l-incident jien ma kontx naf</u>. Ma kellhux ... qabel.*" (sottolinejar tal-Qorti). Hija l-fehma tal-Qorti li l-posizzjoni kif spjegata mill-Professoressa Camilleri u Dr. Ali hija, minghajr ma tnaqqas xejn mill-opinjoni ta' Dr. Scerri, aktar attendibbli f'dan il-kaz. Dan kollu juri ukoll kemm sid il-vettura u cioe Maria Anna Brincau qatt ma messha halliet lil Edward Galea jsuq din il-vettura meta hija kienet taf li huwa kellu din il-kundizzjoni. Ghalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuti m'irnexxielhomx jippruvaw li f'dan il-kaz l-incident ma sehhx tort taghhom.

24. Ghar-rigward tad-danni, ftit li xejn hemm xi tghid. Is-*surveyor* nominat mill-istess socjeta konvenuta GasanMamo Insurance Limited, Philip Zammit, stqarr li huwa kien ta' parir lis-socjeta assikuratrici sabiex toffri s-somma ta' tlett elef lira Maltin (LM3,000) *cash settlement* u l-assikurat jew id-danneggjat izomm il-*horse truck*. Hadd mill-konvenuti ma ikkontesta dan l-ammont ta' hsarat w ghalhekk il-Qorti qeghda tiehu bhala ippruvat dan l-ammont.

**GHALDAQSTANT din il-Qorti qeghda, in vista tal-konsiderazzjonijiet taghha maghmula aktar ‘l fuq, taqtya u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta GasanMamo Insurance Limited u konsegwentement tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, qeghda tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta nomine u konsegwentement tiddikjara li l-konvenuta nomine hija responsabbli ghad-danni u tikkundanaha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ sitt elef disa mija tmienja u tmenin ewro u tnax il-ewro centezmi (€6,988.12) flimkien mal-imghaxijiet fuq dan l-ammont mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz.**

**L-ispejjez kollha jithallsu mis-socjeta konvenuta nomine.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------